MALTA

ATT Nru XXXIV ta' l-1990

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jawtorizza li s-somma ta' erbgħa u tletin miljun u mitejn elf lira Maltija tingħabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1989.

ACT No. XXXIV of 1990

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to authorise a sum of thirty-four million two hundred thousand Maltese liri to be raised by way of loan for the purpose of making good for the deficit incurred by the Consolidated Fund to meet expenditure during the year 1989.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

CARMELO CARUANA
Aġent President

13 ta' Novembru, 1990

ATT Nru XXXIV ta' l-1990

ATT biex jawtorizza li s-somma ta' erbgħa u tletin miljun u mitejn elf lira Maltija tingħabar b'self f'Malta sabiex tagħmel tajjeb għad-deficit fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1989.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1990 dwar Self Lokali. Titolu fil-qosor.

2. (1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Gvern ta' Malta jista' jiġbor b'self f'Malta s-somma li ma tkunx iżjed minn erbgħa u tletin miljun u mitejn elf lira Maltija. Setgħa għall-ġbir ta' self.

(2) Sabiex jingħabar is-self kif intqal qabel, il-Ministru responsabbli għall-finanzi huwa b'dan awtorizzat li joħroġ *stock* f'Malta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati); u s-self magħmul skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jsir skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi Ministru jista' japprova. Kap. 161

3. Kull somma mislufa taħt l-awtorità ta' dan l-Att għandha tiġi approprjata u użata biex tagħmel tajjeb għad-*deficit* fil-Fond Konsolidat minħabba l-ispiża matul is-sena 1989. Skop tas-self.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 438 tat-12 ta' Novembru, 1990.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.